31999L0028

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/28/KE

tal-21 ta' April 1999

li temenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE fuq il-limitazzjoni ta' l-operazzjoni ta' ajruplani koperti mill-Parti II, tal-Kapitolu 2, il-Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/14/KEE tat-2 ta' Marzu 1992 dwar il-limitazzjoni ta' l-operazzjoni ta' l-ajruplani koperti mill-Parti II, il-Kapitolu 2, il-Volum 1 ta' l-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988) ([1]), kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 98/20/KE ([2]), u partikolarment l-Artikolu 9a tagħha,

(1) Billi l-Artikolu 3 tad-Direttiva 92/14/KEE jeżenta l-ajruplani mniżżla fl-Anness tagħha, bil-kondizzjoni, partikolarment, li dawn ikomplu jintużaw minn persuni naturali jew legali stabbiliti fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-perjodu tar-referenza.

(2) Billi l-Artikolu 9a tad-Direttiva 92/14/KEE jipprovdi għal proċedura ssimplifikata għall-emendi ta' dan l-Anness bil-għan li tiġi assigurata l-konformità sħiħa mal-kriterja dwar l-eliġibilità.

(3) Billi, xi ajruplani inklużi fl-Anness, inqerdu u oħrajn tneħħew mir-reġistru tal-pajjiż rilevanti li qed jiżviluppa, u emendi għall-Anness huma għaldaqshekk meħtieġa.

(4) Billi d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għar-Regolamentazzjoni tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([3]) ([4]), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2176/96 ([5]),

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 92/14/KEE qiegħed b'hekk jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Settembru 1999. Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kumissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkompanjati minn din ir-referenza fiż-żmien tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tiġi adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kumissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi domestika li jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum mill-pubblikazzjoni tagħha *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Kommunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' April 1999.

Għall-Kumissjoni

Neil KINNOCK

Membru tal-Kumissjoni

([1]) ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 21.
([2]) ĠU L 107, tas-7.4.1998, p. 4.
([3]) ĠU L 373, tal-31.12.1991, p. 4.
([4]) Il-laqgħa tat-2 ta' Frar 1999 tal-Kumitat għar-Regolamentazzjoni tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni.
([5]) ĠU L 291, ta' l-14.11.1996, p. 15.

L-ANNESS

Fl-Anness, l-ajruplani li ġejjin se jitħassru:

L-EĠITTU

In-Numru tas-Serje	It-Tip	Ir-Reġistrazzjoni	L-Operatur
19843	B-707-336C	SU-PBA	Air Memphis

Il-LEBANON

In-Numru tas-Serje	It-Tip	Ir-Reġistrazzjoni	L-Operatur
20260	B-707-3B4C	OD-AFE	MEA
19967	B-707-347C	OD-AGV	MEA

IL-LIBERJA

In-Numru tas-Serje	It-Tip	Ir-Reġistrazzjoni	L-Operatur
45686	DC8F-55	EL-AJQ	Liberia World Airlines

IL-MAROKK

In-Numru tas-Serje	It-Tip	Ir-Reġistrazzjoni	L-Operatur
20471	B727-2B6	CN-CCG	Royal Air Maroc
21214	B737-2B6	CN-RMI	Royal Air Maroc
21215	B737-2B6	CN-RMJ	Royal Air Maroc
21216	B737-2B6	CN-RMK	Royal Air Maroc

IN-NIĠERJA

In-Numru tas-Serje	It-Tip	Ir-Reġistrazzjoni	L-Operatur
19664	B707-338C	5N-VRG	Air Tours

IŻ-ŻIMBABWE

In-Numru tas-Serje	It-Tip	Ir-Reġistrazzjoni	L-Operatur
18930	B707-330B	Z-WKU	Air Zimbabwe
45821	DC8F-55	Z-WMJ	Affretair